MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 106/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Barry Christopher Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Barry Christopher Zammit talli fil-25 ta’ Awwissu 2000 f’xi hin filghaxija go V.C. Service Station, Naxxar Road, Gharghur volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema ammont ta’ hsara jammonta ghal aktar minn hames mitt lira Maltin ghad-detriment ta’ Victor Chetcuti Direttur ta’ Grantham Ltd. minn Naxxar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ April 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Barry Christopher Zammit hati u kkundannatu ghal tlettax-il xahar prigunerija sospizi ghal erba’ snin mid-data tas-sentenza bil-kundizzjoni ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija f’dan il-perjodu operattiv;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Barry Christopher Zammit ipprezentat fl-10 ta' Mejju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha kwantu sabitu hati, thassarha sa fejn jirrigwarda l-piena u dan billi tigi nflitta piena anqas;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Il-fatti f'dan il-kaz huma semplici. Fil-25 ta' Awissu 2000 l-appellant mar biex jiehu d-*diesel* minn VC Service Station li tinsab f'Naxxar Road, Gharghur filghaxija meta s-Service Station kienet maghluqa u ghalhekk il-pompi kienu qalbu fuq *automatic*. L-appellant, fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija (a fol. 13), jghid li tefa' karta tal-Lm5 u l-pompa xorta ma tatux id-*diesel*. Fl-istess stqarrija qal li kien gralu l-istess f'zewg okkazjonijiet ohra, darba meta kien inserixxa karta tal-Lm5 u darb'ohra karta taz-Lm2. F'kull okkazjoni mar l-ghada jilmenta mas-sid u d-darbtejn gie nfurmat li mill-kompjuter ma kien jirrizulta xejn u ghalhekk ma nghatax rifuzjoni. Meta gratlu t-tielet darba, cioe` fl-okkazjoni tal-25 ta' Awissu 2000, jghid li "qabzitlu c-cinga" u li kieku rega' mar ikellem lis-sid kien jispicca hazin u ghalhekk dak il-hin beda jaghti lill-makna izda wara xi hin meta nduna x'kien qieghed jaghmel waqaf u telaq 'l hemm. Il-hsara li kkaguna gie jammonta ghal Lm1,356 (VAT eskluz) skond ir-rapport tekniku mhejji minn Robert Pellicano ghas-socjeta` APCO Ltd. (ara rapport a fol. 14 u xiehda ta' Robert Pellicano a fol. 31 - 33).

Id-difiza ta' l-appellant li diga' giet ventilata quddiem l-ewwel Qorti hi li l-agir tieghu kien biss ir-rizultat tal-provokazzjoni u l-irresponsabbilta` tas-sidien tas-Service Station. L-ewwel aggravju tieghu fil-fatt huwa li l-ewwel Qorti ma laqghetx din id-difiza. Huwa jispjega li ma marx jiehu l-*fuel* bil-predisposizzjoni li jikkawza hsara fuq il-makna in kwistjoni; anzi, nonostante l-incidenti precedenti, xorta mar biex jinqeda minn dan is-Service Station. Ghalhekk jissottometti:

"Illi meta l-istorja irrepetiet ruhha, u spjega kif kien hemm ohrajn li ngidmu, hu wettaq hsara taht passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh, ghax l-esponent irrealizza li regghu dahqu bih u qeghdin jergghu ghal darb'ohra jehdulu flusu u dana mill-ftit mezzi finanzjarji tieghu. Di piu` dak il-hin, u mhux xi hin wara, f'sahna ta' demm irreagixxa bil-mod li rreagizza, u f'mohhu kien mhux li jaghmel hsara izda li jipprotesta, iva b'mod aggressiv, kontra s-sidien.

Illi f'cirkostanzi simili, u tenut kont tal-eta` u l-istat finanzjarju tal-esponent, f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.

Illi ghalhekk l-esponent isostni li fic-cirkostanzi kellhom jigu applikati favuru l-effetti tal-artikolu 227(e) [**recte:** 227(c)] tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta".

Hawn il-Qorti se ticcita *in extenso* mis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' Marzu 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Agius**:

"L-ewwel proviso ta' l-imsemmi artikolu 325 jipprovdi li 'meta d-delitt ikun skuzabbli minhabba provokazzjoni ingusta' l-piena ta' prigunerija tkun ghal zmien mhux izjed minn zewg terzi tal-piena msemmija. It-tieni proviso jghid: 'Meta tigi biex titqies l-iskuza, ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235', li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero` dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta. Fil-fehma tal-Qorti, il-provokazzjoni

(ingusta) li ghaliha jirreferi l-artikolu 325 mhix limitata jew arginata b'xi kriterji li jissemmew fl-artikoli 227, 229 jew 230 tal-Kodici Kriminali; l-uniku kriterju li l-legislatur ghazel li jittrasporta mit-Titolu tad-Delitti kontra l-Persuna hu dak ga` msemmi, cjoe` ta' l-artikolu 235. Il-gurista Francesco Antolisei, in konnessjoni ma' l-attenwanti generali tal-provokazzjoni prevista fit-tieni inciz ta' l-artikolu 62 tal-Kodici Penali Taljan jghid hekk:

'La situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio` l'attenuante dovra` ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita` esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effettua, o per le ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto, ecc.). Quanto alla reazione, non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto' (Antolisei, F. **Manuale di Diritto Penale - Parte Generale**, Giuffre` (Milano), 1989, pp. 394 - 395);

… Il-provokazzjoni ingusta kkontemplata fl-artikolu 325 trid tkun oggettivament riskontrabbli."

Ghalhekk l-artikolu citat mill-appellant mhuwiex applikabbli. U mill-provi prodotti ma jistax jinghad li l-fatt li pompa ma ttikx il-*fuel* wara li tkun inserejt il-flus jista' jikkwalifika oggettivament bhala provokazzjoni ingusta fis-sens spjegat. Wara kollox makni huma soggetti ghal hsarat. Il-fatt li lill-appellant seta' gralu l-istess f'zewg okkazjonijiet precedenti ma jbiddilx is-sitwazzjoni, kemm peress illi ma grawx fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha ngiebu bhala skuza mill-appellant, kif ukoll peress illi l-appellant kellu mezzi legali li permezz taghhom seta' jirkupra l-flus li kien allegatament tilef fil-makna tas-Service Station in kwistjoni. Jigi ribadit li l-provokazzjoni ingusta kkontemplata fl-artikolu 325 trid tkun oggettivament riskontrabbli. L-ewwel Qorti ma rriskontrat ebda tali provokazzjoni u din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba

dik il-konkluzjoni. Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa michud.

Aggravju iehor ta' l-appellant huwa li ma giex ippruvat l-aggravju tal-valur. Dan l-aggravju huwa fieragh peress illi, kif diga` gie ndikat, il-valur tal-hsara gie determinat mir-rapport tekniku mhejji minn Robert Pellicano ghas-socjeta` Apco Ltd. u din il-prova ma gietx kontradetta. Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa michud.

Kwantu ghall-piena jirrizulta li skond l-artikolu 325(a) tal-Kap. 9 il-piena hija ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin. L-ewwel Qorti applikat din il-piena fil-minimu u ssospendiet l-ezekuzzjoni tas-sentenza ghal perijodu ta' erba' snin bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant jidher li huwa diga` nstab hati mill-Qrati fi tliet kazijiet[1] dwar ksur tal-ligijiet tat-traffiku fejn gie kkundannat ghall-hlas ta' multa fi tnejn minnhom u nghata *conditional discharge* ghal tliet xhur f'kaz iehor, filwaqt li nstab hati f'kaz iehor[2] dwar li qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u gie kkundannat ghall-hlas ta' ammenda. L-appellant ma jistax certament jargumenta li hu ta' eta` zghira u lanqas li kien tant zghir meta sehh ir-reat in kwistjoni. Difatti dakinhar kellu ghoxrin sena u seta' jqis sew il-konsegwenzi ta' ghemilu. Din il-Qorti hi tal-fehma li f'dawn ic-cirkostanzi u fic-cirkostanzi tal-kaz l-ewwel Qorti kienet gustifikata li timponi sentenza sospiza ta' prigunerija, b'dan li hemm lok ta' temperament tal-perijodu operattiv. L-appellant ghandu juza dan il-perijodu a beneficcju tieghu stess biex ikompli jhares il-kondotta tieghu u, jekk ghandu xi problema bit-temperament tieghu, ifittex l-ghajnuna mehtiega.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni dedotta, tirrevokaha in kwantu

---

[1] Sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Settembru 1998, 3 ta' Novembru 1998 u 4 ta' Novembru 1999.
[2] Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Marzu 2000.

kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' tlettax-il xahar sospiz ghal erba' snin u minflok tikkundannah ghal perijodu ta' tlettax-il xahar prigunerija liema sentenza, a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9, ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' sentejn millum, l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija. Din il-Qorti spjegat lill-appellant ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------